



Brussell, 19 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13060/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0228(COD)

CODEC 1652
TELECOM 334
COMPET 661
MI 705
DATAPROTECT 212
JAI 989

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv

1. Fit-13 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta msemija hawn fuq¹, abbażi tal-Artikolu 114 TFUE.
2. Fl-4 ta' Ottubru 2018, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. Ir-risultat tal-vot fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Frar 2018³.

¹ 12244/17.

² 12698/18.

³ ĠU C 227, 28.6.2018, p. 78.

4. Il-Kumitat tar-Reġjuni ġie kkonsultat.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 53/18, bħala punt "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġislattiv jiġi adottat.

Wara l-firma mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġislattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
